# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2016.**

**Rikors Numru 1023/2008 SM**

**James-John (I.D. No: 517866 (M) u**
**Marlene (I.D. No: 500066 (M)**
**konjugi Gouder**

**vs.**

**Kunsill Lokali Mellieha u Central**
**Asphalt Limited**
**(C 23652)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 t'Ottubru, 2008, li permezz tieghu gie sintetikament espost s-segwenti:

1.1. Illi r-rikorrenti huma proprjetarji tad-dar taghhom numru 61, gia` *plot* 20, Triq Toni Pace, il-Mellieha, inkluza wkoll il-*basement*;

1.2. Illi fl-1996 gie kostruwit gnien pubbliku – Gnien Dun Anton Debono - li jinfed ghal go Triq Toni Pace, fuq indikata, flimkien ma' diversi xogholijiet ohra fit-toroq li jmissu ma' l-istess gnien;

1.3. Illi l-imsemmi gnien jirrizulta sitwat faccata r-residenza tar-rikorrenti fuq indikati;

1.4. Illi t-triq in dizamina fuq indikata giet alterata b'mod li l-ilma kollu tat-toroq tal-madwar gie jidhol u jingabar fi Triq Toni Pace *de* quo, (ara foll 1);

1.5. Illi rizultat tal-istess beda jidhol ammont kbir ta' ilma fil-*basement* tar-rikorrenti;

1.6. Illi dan l-ilma li dahal ghamel hsara fl-istruttura edilizja tar-residenza tar-rikorrenti u fil-mobbli hemm kontenuti;

1.7. Illi *nonostante* li intavolaw diversi ilmenti mal-Kunsill Lokali intimat u mal-Awtorita` ta' Malta dwar it-Trasport, dawk kienu inutili *stante* li rrizulta li kienu injorati;

1.8. Illi matul is-snin fl-istagun tax-xita din is-sitwazzjoni baqghet tigi ripetuta;

1.9. Illi l-Awtorita` fuq indikata sostniet b'mod car li t-toroq u gnien in dizamina huma ta' kompetenza tal-Kunsill *de quo* (ara ittra tal-istess indirizzata lir-rikorrenti datata t-18 t'Awwissu, 2008;

1.10. Illi ghalhekk l-Awtorita` *de quo* ezimiet ruhha minn kull responsabilita` fir-rigward;

1.11. Illi jirrizulta li meta l-istess Kunsill rega` effettwa xogholijiet strutturali fl-istess zona in dizamina, minflok li rrimedja s-sitwazzjoni ghall-ahjar, irrendiha ghar milli kienet;

1.12. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jghixu kontinwament bil-biza li r-residenza taghhom tigi allagata u mqeghda strutturalment f'periklu;

1.13. Illi *nonostante* li l-intimati gew interpellati diversi drabi biex jirrettifikaw is-sitwazzjoni, dawn baqghu inadempjenti, (ara foll 6 *et sequitur*);

1.14. Illi ghaldaqstant, aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.14.1. Tiddikjara li x-xogholijiet li saru mill-intimati, jew fuq inkarigu taghhom, fi Triq Toni Pace, il-Mellieha, u fil-madwar, ma sarux skont is-sengha u l-arti, bil-konsegwenza li baqa` jidhol l-ilma tax-xita fil-proprjeta` taghhom;

1.14.2. Tiddikjara ghalhekk li l-intimati, jew min minnhom, hu responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.14.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti, okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

1.14.4. Tikkundanna lill-intimati, jew min minnhom, ihallsu lir-rikorrenti l-ammont hekk likwidat;

1.14.5. Tikkundanna lill-intimati biex fi zmien qasir u perentorju jaghmlu dawk ix-xogholijiet kollha riparatorji necessarji biex iz-zona in dizamina ma tibqax ta' periklu ghall-proprjeta` tar-rikorrenti;

1.14.6. Tawtorizza lir-rikorrenti biex fin-nuqqas, jaghmlu huma x-xogholijiet riparatorji mehtiega taht is-supervizjoni ta' periti *nominandi*;

1.14.7. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimati, (ara foll 3);

1.14.8. B'riserva ghal danni ulterjuri kontra l-intimati, jew min minnhom;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-11 ta' Novembru, 2008, (ara foll 31), li permezz taghha l-intimati rrispondew sintetikament is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati;

2.2. Illi ghalhekk dawn ghandhom jigu respinti bl-ispejjez;

2.3. Illi x-xogholijiet riferiti mir-rikorrenti saru skont is-sengha u l-arti;

2.4. Illi r-rikorrenti ma batew l-ebda danni rizultat tax-xogholijiet in dizamina;

2.5. Illi r-rikorrenti kkontribwew fl-event dannuz in dizamina;

2.6. Salv risposti ulterjuri;

2.7. Illi *di piu`*, isostni wkoll sintetikament is-segwenti:

2.7.1. Illi fl-2006 il-Kunsill Lokali intimat inkariga lis-socjeta` intimata biex tiksi mill-gdid Triq Toni Pace, il-Mellieha;

2.7.2. Illi x-xoghol in dizamina gie certifikat mill-periti tal-Kunsill *de quo*;

2.7.3. Illi x-xoghol involut kien jikkonsisti fis-segwenti:

2.7.3.i. Tnehhija tal-asfalt l-antik sa fond ta' tmenin (80) millimetru;

2.7.3.ii. Isir wicc gdid tat-triq *de quo*;

2.7.3.iii. Illi l-livelli tal-istess triq ma kellomx jintmessu u allura kellhom jinzammu fil-livelli li kienu qabel dan l-ahhar intervent;

2.8. Illi fi Frar tal-1996 ir-rikorrenti kienu gia` ilmentaw mad-Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici dwar il-livell tat-triq *de quo*;

2.9. Illi r-rikorrenti ghamlu biss rapprezentazzjonijiet mal-Kunsill intimat qabel ma nghata bidu ghax-xoghol in dizamina fejn ppretendew li jinbidlu l-livelli tat-triq b'mod li jmorru kontra l-fizjonomija u t-topografija tat-triq;

2.10. Illi l-Kunsill intimat mexa mal-pariri professjonali moghtija lilu mill-periti minnu inkarigati liema pariri ma kienux jaqblu mal-pretensjonijiet tar-rikorrenti;

2.11. Illi l-istess rikorrenti kienu nehhew rampa li kienet izzomm l-ilma tax-xita milli jidhol fil-kantina, (*"basement"*), taghhom;

2.12. Illi ghalhekk kienu l-istess rikorrenti li aggravaw il-problema taghhom;

2.13. Illi ghalkemm mhux ritenut, il-Kunsill intimat ippropona soluzzjonijiet konformi mal-ligi rigwardanti l-i*standards* tat-toroq, li pero` r-rikorrenti ma qablux maghhom;

2.14. Illi s-socjeta` intimat espletat l-appalt moghti lilha skont l-istruzzjonijiet lilha moghtija;

3. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-10 ta' Dicembru, 2008, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju hemm indikata biex tisma l-provi kollha tal-kawza, (ara foll 36), u kif sussegwentement sostitwita, (ara foll 63);

4. Rat ukoll id-digriet ulterjuri taghha diversament preseduta datat il-21 t'April, 2009, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti mhiex opposta mir-rapprezentant legali tal-intimati, hatret lill-perit tekniku hemm indikat ghall-mansjonijiet lilhu hemm moghtija, (ara foll 63);

5. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-28 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu, fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tar-rikorrenti, hatret lis-*surveyor* hemm indikat biex jirredigi r-rapport tieghu kif hemm indirizzat, (ara foll 83);

6. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Mejju, 2011, li permezz tieghu rrevokat il-hatra tal-assistent gudizzjarju

fuq riferit, u gie hemm sostitwit b'perit legali hemm indikat, (ara foll 115);

7. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat id-9 t'April, 2013, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, irriappuntat lill-perit tekniku precedentement inkarigat biex jikkwantifika l-hsarat riskontrati, (ara foll 186);

8. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti datata s-7 t'Ottubru, 2013, (ara foll 187), flimkien ma' dik tal-intimati datata t-3 ta' Frar, 2014, (ara foll 212);

9. Semghet ix-xhieda prodotti;

10. Ezaminat id-dokumenti kollha pprezentati in atti inkluzi z-zewg (2) relazzjonijiet tal-perit tekniku, (ara foll 91 u 197), ir-relazzjoni kongunta tal-perit legali u tal-perit tekniku nominati, (ara foll 229), ir-risposti in eskussjoni tal-istess, (ara foll 268), id-dikjarazzjonijiet guramentati, flimkien ma' ritratti u pjanti esebiti;

11. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidrat:

12.0. Illi *ai termini* tar-relazzjoni kongunta tal-perit legali u tal-perit tekniku fuq riferiti, jirrizulta sintetikament is-segwenti:

12.1. Illi meta r-rikorrenti bnew ir-residenza taghhom fi Triq Toni Pace, il-Mellieha, ghamlu zmien jghixu fiha minghajr problemi billi qatt ma dahhlilhom ilma tax-xita fir-rampa tal-garaxx, liema garaxx jinsab taht il-livell tat-triq;

12.2. Illi fl-1996, bicca art faccata tar-residenza tar-rikorrenti giet zviluppata fi gnien pubbliku;

12.3. Illi r-rikorrenti jallegaw li rizultat tal-konfigurazzjoni tal-istess gnien, huma bdew isofru minn dhul tal-ilma tax-xita fil-garaxx liema xita dahal fl-istess garaxx mir-rampa tal-istess wara li l-ilma qabez il-bankina;

12.4. Illi r-rikorrenti isostnu li l-ilma dahal ghandhom ghas-segwenti ragunijiet:

12.4.1. Illi l-gnien in dizamina jaqleb fid-direzzjoni tar-residenza tar-rikorrenti;

12.4.2. Illi t-tarag adjacenti jiddirigi l-ilma fid-direzzjoni tal-istess residenza tar-rikorrenti;

12.4.3. Illi *di piu`* l-kantuniera faccata l-istess residenza hi mcanfra bil-konsegwenza li l-ilma jigi indirizzat fid-direzzjoni tar-residenza *de quo*;

12.4.4. Illi l-asfaltar li sar fit-triq in dizamina gholla l-livell tat-triq u ghalhekk l-ilma minn Triq Antonio Falzon, flok idur mac-canfira, beda jaqleb fid-direzzjoni tar-residenza in dizamina;

12.4.5. Illi konsegwenza tal-istess l-ilma tal-akkwati jakkumula b'forza, jaqbez il-bankina, u jinzel ir-rampa tar-residenza *de quo* biex jispicca fil-garaxx taghhom;

12.4.6. Illi r-rikorrenti ilhom ghaddejjin fi trattattivi mal-Kunsill intimat biex tinstab soluzzjoni ghall-istess;

12.4.7. Illi bejn l-2006 u l-2007 it-triq in dizamina inghatat wicc gdid, izda is-sitwazzjoni jew baqghet l-istess jew addirittura aggravat ruha;

12.4.8. Illi l-intimati jsostnu li baqghu attivament ifittxu soluzzjoni ghall-predikament li r-rikorrenti sabu ruhhom fih;

14.4.9. Illi l-intimati jinsistu li kienu r-rikorrenti stess li kkontribwew ghall-hsarat minnhom sofferti *stante* li kienu huma li aggravaw is-sitwazzjoni billi effettwaw diversi alterazzjonijiet fir-rampa taghhom tal-garaxx in dizamina;

14.4.10. Illi l-intimati jsostnu li esegwew ix-xogholijiet skont is-sengha u l-arti u skont id-direzzjoni tal-periti taghhom;

12.5. Illi tenut kont tas-suespost il-periti *nominandi* wasslu ghas-segwenti konkluzjonijiet: (ara foll 234)

12.5.1. Illi s-socjeta` intimata *Central Asphalt Limited* hi ezonorata minn kull responsabbilita`, *stante* li kienet biss l-appaltatur imqabbda mill-Kunsill intimat;

12.5.2. Illi l-istess socjeta` ezegwiet biss l-ordnijiet moghtija lilha mill-Kunsill intimat, u mill-perit tal-istess;

12.5.3. Illi minn imkien ma jirrizulta li s-socjeta` *de quo* m'ezegwietx l-ordnijiet lilha moghtija;

12.5.4. Illi ma jirrizultax li l-istess socjeta` kienet negligenti jew traskurata fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet involuti;

12.5.5. Illi bhala l-persuna guridika li inkarigat lis-socjeta` intimata, hu l-Kunsill intimat li jibqa` responsabbli fir-rigward;

12.5.6. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;

12.5.7. Illi Triq Toni Pace, il-Mellieha, verament taqleb lejn il-proprjeta` tar-rikorrenti;

12.5.8. Illi verament hemm l-i*splay* lamentata mir-rikorrenti li flimkien mal-bankina taht il-gnien *de quo* ifixklu l-passagg tal-ilma u jimbuttawh ghal fuq in-naha tal-proprjeta` tar-rikorrenti;

12.5.9. Illi ma sar l-ebda tentattiv effettiv biex tigi rizolta l-problema riskontrata;

12.5.10. Illi l-kisi mill-gdid tat-triq *de quo* fl-2006 jew 2007 ma kienx effettiv, anzi jirrizulta pjuttost kontro-producenti;

12.5.11. Illi r-rikorrenti m'ghandhomx ikunu penalizzati ghaliex ir-residenza taghhom hi sitwata f'posizzjoni sfortunata;

12.5.12 Illi x-xoghol li sar fi Triq Toni Pace, il-Mellieha, sar skont is-sengha u l-arti;

12.5.13. Illi jirrizulta pero` li ghalkemm il-Kunsill kien konsapevoli li kienet tezisti problema m'ghamel xejn effettiv biex jirrisolviha;

12.5.14. Illi la kien deciz li jinzamm il-livell originali tat-triq, allura d-dizinn kellu jahseb biex jilqa` ghall-istess problema u b'hekk tigi evitata l-istess sitwazzjoni riskontrata;

12.5.15. Illi hu d-dmir tal-Kunsill li jippjana u jiddizinja t-toroq b'mod li jaccerta ruhhu li kemm il-qlib, kif ukoll id-drenagg tal-ilmijiet, ma jaqilbux lejn ir-residenzi li jkun hemm fit-toroq;

12.5.16. Illi ghalhekk il-Kunsill intimat hu risponsabbli li jirrimedja x-xogholijiet involuti u li jhallas ghall-hsarat minnu kkagunati;

Ikkunsidrat:

13. Illi kif ritenut mill-**Qorti tal-Appell, (Sede Inferjuri)** fil-kawza fl-ismijiet **Hugh P. Zammit *nomine et* vs. Direttur tat-Toroq *et***, datata t-**23 ta' Jannar, 2004**:

> "... meta enti pubbliku jigi afdat bi, u fil-fatt iwettaq progett pubbliku ... hu mistenni li, bhal fil-kaz ta' persuna privata, hija tuza l-prudenza, ghaqal u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, kif stabbiliti mill-artiklu 1032 tal-Kodici Civili. Din ir-regola tghodd f'kull parti mit-twettiq tal-attivita` pubblika, jigifieri kemm waqt it-twettiq innifsu tal-progett li jkun, kemm waqt il-process ta' manutenzjoni, u kif ukoll fl-istadju tal-vigilanza u tal-kontroll";

14. Illi *di piu`* hu pacifiku li hu eskulpat min b'xi ghemil tieghu igib il-hsara meta l-istess hsara ssehh minhabba xi incident jew forza magguri;

15. Illi *nonostante* dan, m'ghandu qatt jitqies li l-hsara tkun sehhet incidentalment meta l-fatt ikun sehh minn agir tal-bniedem u jkun gie mbassar minn qabel minn persuna ta' dehen ordinarju jew ghallanqas seta` jigi evitat, (ara **Azzopardi vs. Arcicovich et, Appell Civili**, datat l-**14 ta' Novembru, 1919**);

16. Illi l-forza magguri tirrikorri meta l-incident in dizamina ma jkunx jista` jigi newtralizzat, (ara **Borg Falzon *proprio et nomine* vs. Darmanin *proprio et nomine*, Appell Civili**, datat **is-7 ta' Gunju, 1940**);

Ikkunsidrat:

17.0. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta abbundantement assodat li l-Kunsill intimat seta` facilment janticipa l-problema li qed tigi rinfaccata fil-procedura odjerna, u dan:

17.1. Kemm permezz ta' *"project planning"* adegwat;

17.2. Kif wkoll ghaliex kien diga` jaf bil-problema tal-gharghar u kif jimxu l-ilmijiet qawwija fl-imhawi in dizamina;

18. Illi kif ritenut fil-kaz **Alfred Delia vs. Segretarju Permanenti u Direttur Dipartiment tat-Toroq *et*, Qorti tal-Appell Civili (Inferjuri),** datat iz-**19 ta' Mejju, 2004**, l-amministrazzjoni pubblika, f'dan il-kaz il-Kunsill intimat, bhala sid tat-toroq u tas-servizzi pubblici li jaghmlu minnhom:

> "... ghandha tipprevedi sitwazzjonijiet determinanti, jekk mhux ukoll perikoluzi, li jsehhu f'kazijiet ta' fenomeni atmosferici, bhal ma hija x-xita";

19. Illi ghalhekk, ghandu jkun pacifiku li l-Kunsill *de quo* naqas milli jipprevedi s-sitwazzjoni li nholqot b'rizultat tal-intervent ambjentali minnhu kkagunat fit-toroq in dizamina;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi rigward l-allegata hsara fil-fond meritu tal-procedura odjerna jinghad is-segwenti:

20.1. Illi r-rikorrenti naqqsu jipprezentaw il-provi necessarji skont il-ligi fir-rigward;

20.2. Illi ghalkemm ir-rikorrenti jallagaw li l-ilmijiet in kwistjoni kienu jallegaw il-garaxx, ossija *"basement"* taghhom, pero` imkien ma jghidu li garrbu xi hsarat fil-binja nnifisha b'rizultat ta' dawn l-ilmijiet li dahhlulhom;

Ikkunsidrat:

21. Illi *nonostante* dan, dan ma jfissirx li l-Kunsill intimat m'ghandux jerfa r-responsabbilita` civili tieghu u jaghmel ix-xogholijiet rimedjali fit-toroq in dizamina skont ir-rakkomandazzjonijiet teknici tal-perit tekniku fuq riferit, (ara foll 242), li l-qorti taghmel taghha;

Ikkunsidrat:

22.0. Illi rigward danni ohra, inkluz telf ta' qligh, allegati mir-rikorrenti jinghad sintetikament is-segwenti:

22.1. Illi r-rikorrenti sofrew danni ammontanti €200.00 biex tissewwa xi hsara f'*"chainsaw"* li kien fil-garaxx in dizamina, (ara ricevuta datata z-17 ta' Novembru, 2009;

22.2. Illi soffrew danni ammontanti ghal €11,499.02 ghaliex ir-rikorrenti isostni li tilef madwar saghtejn kull jum tax-xoghol bhala konsegwenza tad-dhul tal-ilma in idizamina, (ara rapport tal-awditur u *accountant* Marjoe Muscat, datat is-6 ta' Novembru, 2009);

23. Illi ghalkemm l-intimati ma jidhrux li kkontestaw il-prospett li fuqu huma bbazati l-ammonti indikati fil-paragrafu precedenti, l-esperti nominati pero` ma qabblux mieghu u qisuh ferm improbabbli, (ara foll 246);

24.0. Illi dan in-nuqqas ta' qbil tal-esperti kurjali mal-affermazzjoni tar-rikorrenti hu rizultat tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

24.1. Illi hu ferm improbabbli li wiehed jitlef saghtejn minn kull jum lavorattiv matul is-sena kollha ghal din ir-raguni indikata mir-rikorrenti;

24.2. Illi hu pubblikament risaput li x-xita f'Malta ma tinzilx kull gurnata tas-sena;

24.3. Illi f'Malta ma tirrizultax li tinzel xita qalila matul ix-xitwa kollha *stante* li gie stabbilit li l-ilma tax-xita jaqbez fil-proprjeta` tar-rikorrenti biss meta x-xita tkun qawwija u mhux meta taghmel irxiex;

Ikkunsidrat:

25. Illi *nonostante* s-suespost, jirrizulta assodat li d-dhul tal-ilma soffert mir-rikorrenti kkawza inkonvenjent konsiderevoli li rreka telf u danni lill-istess rikorrenti;

26. Illi *stante* li l-kalkolu in dizamina mhux facilment kwantifikabbli, l-esperti nominati akkordaw danni *ex aequo et bono* favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' tlett elef u hames mitt Ewro, (€3,500.00), oltre is-somma ta' mitejn Ewro, (€200.00), danni kkagunati lic-*"chainsaw"*, oltre l-imghaxijiet mid-data tas-sentenza;

Ikkunsidrat:

27. Illi in vista tal-premess din il-qorti taghmel taghha il-konkluzjonijiet tal-esperti nominati, (ara foll 247), ghalkemm b'xi riservi zghar;

Ikkunsidrat:

28. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Civili (Sede Inferjuri**), fl-ismijiet **Paul Cutajar vs. Bugeja Marbles Limited**, datata l-**10 ta' Jannar, 2007**, li rriteniet li:

"... il-perizja hi fonti oggettiva ta' prova in kwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma tkunx rilevabbli hlief bir-rikors ghall-konjizzjoni teknika determinata ... Forsi jista` jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idonej ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant";

29. Illi ghalhekk din il-qorti m'ghandiex ragunijiet, anke wara l-eskussjoni *de quo*, li ma taccettax il-konkluzjonijiet peritali kemm teknici u legali, u konsegwentement taghmilhom taghha u tadotthom, ghalkemm b'rizervi minimi accennati aktar qabel;

**DECIDE:**

30.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw it-talbiet taghhom *in parte*, u konsegwentement:

30.1. Tillibera lis-socjeta` intimata *Central Asphalt Limited* mill-osservanza tal-gudizzju;

30.2. Tiddikjara lill-Kunsill Lokali tal-Mellieha responsabbli ghad-danni sofferti mir-rikorrenti;

30.3. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti *ex aequo et bono* fl-ammont komplessiv ta' tlett elef u seba` mitt Ewro, (€3,700.00);

30.4. Tikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Mellieha biex ihallas lir-rikorrenti James-John u Marlene konjugi Gouder is-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti, bl-imghaxijiet legali mid-data tal-protest gudizzjarju tal-25 ta' Lulju, 2007;

30.5. Tordna li l-istess Kunsill intimat ghandu jaghmel ix-xogholijiet riparatorji skont kif rakkomandat mill-perit tekniku surriferit, b'mod partikolari li Triq Toni Pace, il-Mellieha, ma tibqax tkun ta' periklu aktar ghar-rikorrenti billi ma jibqax diehel aktar ilma fir-residenza tal-istess rikorrenti;

30.6. Illi dawn ix-xogholijiet riparatorji indikati fil-paragrafu precedenti ghandhom isiru taht is-supervizjoni tal-istess

perit tekniku precedentement nominat minn din il-qorti diversament preseduta ko-awtur tar-relazzjoni peritali li fuqha qed tistrieh din il-qorti fil-konkluzjonijiet taghha, u dan, fi zmien sittin, (60), gurnata millum;

30.7. Illi fin-nuqqas tal-istess xogholijiet riparatorji kif fuq awtorizzat, ir-rikorrenti huma awtorizzati li jezegwixxu x-xogholijiet kollha hekk rezi necessarji, taht is-sorveljanza tal-istess perit tekniku fuq indikat;

30.8. Bl-ispejjez kollha kif reklamati mir-rikorrenti fir-rikors guramentat promotur kontra l-istess Kunsill Lokali intimat, salv dawk koncernanti s-socjeta` intimata li ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.

________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**